**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 15/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Carmel Busuttil**

Seduta tas-24 ta' Gunju, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Busuttil, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 66266M akkużat quddiem il- Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Frar, 2015 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu f'Misraħ il-Parroċċa,eżatt ħdejn il-Knisja ta' San Pawl Rabat, Malta:

1. Iġġestixxa attivita' kummerċjali f'post fiss f'inqas minn 50 metru distanza li ma hijiex minn entratura ta' post ieħor kummerċjali

2. U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanza ġġestixxa attivita' kummerċjali mingħajr liċenzja maħruġa mingħand l-awtorita' regolatorja;
3. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u ċirkostanza u fil-ġranet ta' qabel, naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-pulizija ezekuttiva;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-7 ta' Jannar, 2016 li biha ma sabitx lill-imputat Carmel Busuttil ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni u minnhom illiberatu izda sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu għal-għoxrin (€20) Ewro ammenda;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali preżentat fir-reġistru fis-26 ta' Jannar, 2016 li biha talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fil-parti fejn ddikjarat lill-appellat mhux ħati tat-<u>tieni</u> imputazzjoni u fil-parti fejn sabet l-appellat ħati tat-<u>tielet</u> imputazzjoni u **tħassarha** u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-<u>ewwel</u> imputazzjoni u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Semghet il-provi mressqa stante li dawn ma kienux registrati quddiem l-ewwel Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali limitat għall-ewwel imputazzjoni li minnha l-appellat Carmel Busuttil kien illiberat. Huwa kien originarjament imputat bi tlett fatti, ma nstabx hati tal-ewwel u t-tieni izda instab hati tat-tielet u ma appellax in rigward. Illi ghal kjarezza ghalhekk l-Avukat Generali qed jappella kontra l-liberazzjoni fir-rigward tal-imputazzjoni li l-appellat allura imputat *iggestixxa attivita' kummercjali f'post f'inqas minn 50 metru distanza ta' mixi mill-entratura ta' kull post kummercjali.* (Reg 30 (2) (c) (ii) );

2. L-ewwel Qorti illiberat lill-appellat minn din l-imputazzjoni fuq il-konsiderazzjoni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-attivita' kummerċjali li kien qed jiġġestixxi l-appellat saret f'post pubbliku. Mill-provi akkwiziti ma huwiex konsistenti li l-appellat kien qed jiggestixxi attivita' kummercjali konsistenti f'bejgh ta' oggetti fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali ta' San Pawl fir-Rabat jew fuq l-estensjoni tieghu. Anqas ma hu kontestat li l-attivita' hekk gestita sehhet f'distanza ta' anqas minn 50 metru mixi mill-entratura ta' post kummercjali. Dak li hu kontestat huwa jekk is-sit li fuqu kienet gestita din l-attivita' huwiex post pubbliku jew le;

3. Din id-distinzjoni, izda, hija wahda inutili u l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tinoltra f'dik id-direzzjoni ghaliex il-ligi in rigward ma taghmel ebda tali kwalifika. Tajjeb illi bhala l-ewwel osservazzjoni jkun senjalat illi l-kwistjoni hawn

skrutinata kienet, f'dak iz-zmien, regolata bl-Avviz Legali I tal-2006 kif emendat u dan ghaliex l-istess regolament kien sostitwit bl-Avviz Legali 420 tas-sena 2016 li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2017. Ir-Regolament 50 tar-Regolamenti appena msemmija jsalva dak kollu li sar jew naqas milli jsir taht ir-Regolamenti hekk revokati u ghalhekk l-proceduri kontra l-imputat setghu jissokktaw;

4. Issa, l-Qorti qed taghmel din l-osservazzjoni bil-ghan li meta, kif ser taghmel, tirriproduci r-regolament li jaghmel mill-allegat fatt, tkun qed ticcita l-ligi kif vigenti fiz-zmien tal-akkadut. Ir-regolament 30 (2) (c) (ii) tal-AL I tal-2016 kien jipprovdi hekk:

> 30(2) Bejjiegh fit-toroq jista' jiggestixxi wkoll l-attivita' kummercjali tieghu minn post fiss billi jipparkja l-vettura tieghu, sabiex ibiegh lill-konsumaturi tieghu bla hsara ghall-kondizzjonijiet li gejjin:;
>
> (b) Li jipparkja l-vettura tieghu fi spazju permess ghall-ipparkjar kif permess mir-regolamenti tat-traffiku;
>
> (c) Li l-post fejn jipparkja l-vettura tieghu ma tkunx:
>
> (ii) matul distanza ta' mixi ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' kull post kummercjali.

5. Illi r-regolament appena citat huwa fl-ewwel lok dipendenti dwar jekk il-bejjiegh ghandux licenzja sabiex ikun jista' jiggestixxi bejgh fit-toroq. Mid-deposizzjonijiet mismugha kien konfermat illi l-imputat huwa debitament munit b'tali licenzja. Issa, bhala licenzjat ta' bejjiegh fit-toroq, allura l-imputat kien regolat *inter alia* bir-regolament 30 fuq citat. Huwa pparkja l-vettura tieghu, konsistenti f'karettun, li anke dan huwa meqjus bhala vettura fit-termini tal-ligi u sa hemm kollox kien in regola. Pero' l-imputat ipparkja l-vettura tieghu f'post li hu *matul distanza ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' kull post kummercjali* senjatament fuq l-estensjoni ta' zuntier tal-knisja li ma setghax ikun accertat jekk dak jappartjenix lill-Gvern jew lill-Awtoritajiet Ekklesjastici;

6. Dik kienet fil-fatt il-linja difensjonali tal-imputat quddiem l-ewwel Qorti li fid-decizzjoni taghha kkonkludiet illi ma kien qed jezercita l-ebda attivita' kummercjali f'post pubbliku. Kif intqal *supra*, il-kwistjoni dwar jekk il-lok huwiex wiehed pubbliku jew le ma kelliex tkun kotemplata mill-ewwel Qorti ghaliex din mhix wahda mir-rekwiziti li temergi mir-Regolament in disamina. Bir-ragunament tal-imputat ifisser illi jekk bejjiegh fit-toroq, debitament licenzjat, iwaqqaf il-vettura tieghu fid-dahla ta' proprjeta' privata li tkun anqas minn 50 metru distanza mill-entratura ta' post kummercjali ma jkunx qed jikser id-disposizzjoni relevanti tal-ligi. Dan ir-ragunament huwa zbaljat ghaliex ir-Regolament 30 mhux ristrett ghall-attivita' fuq sit pubbliku. Ir-Regolament hu intiz li jiprojbixxi attivita' ta' bejgh minn

bejjiegha tat-toroq f'distanzi ta' anqas minn 50 metru distanza minn postijiet kummercjali debitament licenzjati.

7. Illi ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu u ghalhekk ukoll qed tilqa' l-appell. Konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni; tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni; thassarha f'dik il-parti li fiha ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati taghha u wara li rat r-Regolament 30 (2) (c) (ii) u 53 tal-AL I tal-2006 kif emendat u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (f) wara li qed thassar dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lill-imputat ghal-piena ta' €20 ammenda dwar it-tielet imputazzjoni, tikundannah ghal-hlas ta' ammenda komplessiva ta' €120 .